MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1990/2000/1

**Alfred Zammit**

**vs**

**Direttur tal-Art**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa kien issottometta l-offerta tieghu ghal tender ghall-allokazzjoni ta’ fond ghall-kiri gewwa Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt, Valletta minghand id-Direttur tal-Art, liema ghalqet fis-6 ta’ Lulju, 2000, skond avviz numru 86 ippubblikat 16 ta’ Gunju; 2000.

Illi meta saret l-aggudikazzjoni tal-offerti kollha li gew sottomessi rrizulta li l-attur kien tefa' l-aktar offerta vantaggjuza ghall-konvenut billi l-kera li offra kienet tlett mitt lira aktar gholja mill-kera li giet offruta minn dik il-persuna li a favur taghha giet effettivament aggudikata t-tender in kwistjoni.

Illi r-raguni 'l ghaliex il-konvenut aggudika t-tender lil min ghamel offerta ta' kera inqas vantaggjuza ghalih kienet minhabba li, skond id-direttur, l-offerta ta' l-attur kellha xi dettal nieqes u b'hekk tali nuqqas invalida t-tender.

Illi tali rifjut mhux gustifikat u jikkontradixxi bl-aktar mod car il-policy tad-dipartiment billi l-unici tlet cirkostanzi meta offerta tista' tigi kkunsidrata bhala invalida huma (1) meta l-offerta ma tkunx iffirmata mill-applikant; (2) meta l-offerta ma tkunx intefghet fil-kaxxa tat-tenders u (3) meta l-offerta ma ssirx fuq dokument li ma jkunx il-formula ufficjali tad-dipartiment ghal dik it-tender.

Illi jirrizulta li sahansitra d-Dipartiment tal-Kuntratti kkunsidra tali rifjut tal-offerta tal-attur bhala wiehed ingust u li jimmerita rikonsiderazzjoni.

Illi l-attur sofra u qieghed isofri danni konsegwenzjali ghal liema danni huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Illi l-konvenut debitament nnotifikat permezz ta' protest gudizzjarju tal-14 ta' Settembru, 2000 u interpellat biex jiddezisti milli jipprocedi bl-assenjazzjoni tat-tender baqa' inadempjenti.

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid, in vista tal-premess, il-ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti: -

1. tiddikjara li t-tender ghall-allokazzjoni ta' fond ghall-kiri gewwa Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt, Valletta, li kien ghalaq fis-6 ta' Lulju, 2000, kif fuq inghad kellu jigi aggudikat lill-attur billi kien hu li ghamel l-aktar offerta vantaggjuza.

2. tiddikjara, konsegwentement, li t-tender in kwistjoni gie aggudikat irregolarment lil terza persuna u li kwindi tali assenjazzjoni ma tghoddx.

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jassenja t-tender lill-attur.

4. tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur ghar-ragunijiet supremessi.

5. tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' perit nominand.

6. tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-14 ta' Settembru, 2000, u bl-imghax relativ sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

Illi l-allegazzjonijiet migjubgha kontra tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet: -

1. Fl-ewwel lok, l-fatt li l-attur tefa' l-oghla offerta bl-ebda mod ma jintitolah ghal xi dritt assolut fuq l-allokazzjoni tal-fond in kwistjoni. Infatti l-Gvern mhux marbut li jilqgha l-oghla jew ghal grazzja ta' l-argument kwalunkwe offerta, dana abbazi ta' l-artikolu 5 ta' l-offerta. Isegwi li l-ewwel talba ghandha tigi michuda.

2. Fit-tieni lok, il-Gvern mexa mal-policy tad-Dipartiment u ezercita d-dritt moghti lilu taht artikolu 6 ta' l-istess offerta billi kif gustament kien jimmerita l-kaz prezenti u kif ser jigi spjegat fid-dettal fil-mori tal-kawza ta lill-applikant li a favur tieghu giet aggudikata l-offerta, d-dritt tal-ewwel rifjut.

3. Illi l-allokazzjoni tal-fond lill terzi saret ghaldaqstant bl-aktar mod regolari, isegwi li t-tieni u t-tielet talba attrici ghandha ukoll tigi michuda.

4. Illi l-agir tal-konvenut ma kkawza ebda dannu lill-attur. Ghaldaqstant ir-raba, hames u sitt talba attrici ghandhom jigu lkoll michuda.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Semghet lill-attur u lix-xhud minnu prodott.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Gunju 2002 minn fejn jirrizulta li l-attur iddikjara li qed jillimita t-talbiet tieghu biss ghat-talba numru 2 u qed jirrinunzja ghat-talbiet l-ohra kollha.Semghet lill-konvenut.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-imsemmija tieni talba.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li huwa kien ghamel offerta ghall-allokazzjoni, fuq titolu ta’ kera, ta’ fond fi Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt, Valletta. L-attur ikompli jippremetti li sussegwentement irrizulta li l-offerta tieghu kienet l-aktar wahda vantaggjuza billi huwa kien offra li jhallas kera li kienet tlett mitt lira aktar gholja mill-kera offerta mill-persuna li effettivament gie lilha allokat l-imsemmi fond jew hanut. L-attur isostni li l-konvenut kien skarta l-offerta l-aktar vantaggjuza peress li l-offerta kif sottomessa mill-istess attur kellha xi dettal nieqes u dan il-fatt invalida l-istess offerta. L-attur ikompli jsostni li tali rifjut mhux gustifikat u jmur kontra l-politika assodata fis-sens li offerta tigi kkunsidrata li hi invalida (1) meta l-offerta ma tkunx iffirmata mill-applikant; (2) meta l-offerta ma tkunx intefghet fil-kaxxa tat-tenders u (3) meta l-offerta ma ssirx

fuq dokument li ma jkunx il-formula ufficjali tad-dipartiment ghal dik it-tender. L-attur jallega ukoll li d-Dipartiment tal-Kuntratti kkunsidra tali rifjut cioe' li tigi accettata l-offerta tal-attur bhala wiehed ingust u inoltre sostna li huwa sofra u qed isofri danni, ghal liema danni huwa unikament responsabbli l-konvenut. In vista ta' dawn il-premessi l-attur qed jghamel diversi talbiet fosthom li jigi dikjarat li t-tender in kwistjoni gie aggudikat irregolarment lil terza persuna u li kwindi tali assenjazzjoni hi nvalida.

Il-konvenut Direttur tal-Art qed jeccepixxi li l-fatt li l-attur ghamel l-oghla offerta ma jfissirx li l-attur ghandu xi dritt assolut fuq l-allokazzjoni tal-fond in kwistjoni stante li l-Gvern jista ma jilqghax l-oghla offerta u dan skond l-artikolu 5 tal-istess offerta. Jeccepixxi ukoll li skond l-artikolu 6 tal-istess offerta inghata lill-applikant, li effettivament a favur tieghu giet aggudikata l-offerta, d-dritt tal-ewwel rifjut inoltre l-allokazzjoni tal-fond ossia hanut saret b'mod regolari. Il-konvenut finalment eccepixxa li huwa ma kkawza l-ebda dannu lill-attur.

L-attur illimita t-talbiet tieghu ghat-talba numru 2 u cioe' fejn l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li t-tender in kwistjoni gie aggudikat b'mod irregolari u kwindi tali assenjazzjoni hi nvalida. Kwindi bil-presenti sentenza qed tigi deciza biss din it-talba u m'hemmx lok li jigu trattati u decizi t-talbiet l-ohra kollha. Rebus sic stantibus hemm dubji kemm tista tkun effettiva u effikaci l-eventwali sentenza li takkolji din it-tieni talba tal-attur stante li l-persuna, li lilha gie effettivament allokat il-fond, mhux parti fil-presenti proceduri.

Ghar-rigward tal-eccezzjonjiet tal-konvenut ghandu jinghad li ma gewx prodotti l-kondizzjonijiet tal-offerta in kwestjoni. Hi l-prattika kostanti, pero', li minn qed isejjah ghall-offerti jirriserva d-dritt li jista jirrifjuta anke l-oghla offerta u kwindi minn effettivament jghamel l-oghla offerta m'ghandux assikurazzjoni li l-offerta tieghu hi dik li ser tigi accettata. In effett jirrizulta li l-fond jew ahjar il-hanut in kwestjoni gie allokat lil terza persuna wara l-tali terza persuna nghatat id-dritt tal-ewwel rifjut. Ma tirrizultax

b’mod car u nett ir-raguni ghaliex nghata dan id-dritt tal-ewwel rifjut.

F’dan ir-rigward jirrizulta li l-hanut in kwestjoni cioe’ il-hanut 121, Old Theatre Street, Valletta, kien gie allokat wara s-sejha ghall-offerti in kwestjoni lil certa Moira Sammut. Din l-allokazzjoni u kirja saret specifikament sabiex il-hanut jintuza ghal bejgh ta' cd’s u ta' playstations. Sussegwentement, cioe’ wara li saret l-imsemmija allokazzjoni, l-imsemmija Moira Sammut riedet tbiddel in-natura tal-attivita’ li ghaliha l-hanut seta jintuza u cioe’ riedet tibda tbiegh hwejjeg mill-istess hanut. Skond il-ligi kull bdil fil-kondizzjonijiet tal-kirja jimporta li minn irid ibiddel tali kondizzjoniiet ghandu l-ewwel jirrinunzia ghal kirja u sussegwentement issir sejha gdida ghall-offerti. In effett Sammut irrinunzjat ghal kirja bil-kondizzjoni, pero’, li tinghata d-dritt tal-ewwel rifjut. Jidher li din il-kondizzjoni giet accettata mill-konvenut. Ghalhekk regghet saret sejha ghall-offerti.

Wara din it-tieni sejha ghall-offerti rrizulta li l-ahjar offerta kienet tal-attur u t-tieni l-ahjar kienet dik tal-imsemmija Sammut. L-attur fl-offerta relattiva li ghamel naqas, pero’, li jindika ghall-liema skop huwa kien ser juza l-fond in kwestjoni. Minhabba dan in-nuqqas ir-rakkomandazzjoni tal-konvenut lill-Kumitat tal-Kuntratti kienet li l-imsemmija l-oghla offerta, cioe’ tal-attur, kellha titqies li kienet invalida. L-imsemmi Kumitat gustament irritjena li l-offerta ma kellix titqies li kienet invalida izda li ma kinitx kompleta u ghalhekk ta’ l-parir lill-konvenut li minn ghamel l-oghla offerta, cioe’ l-attur, kellu jigi mistoqsi jiddikjara ghal liema skop hu kien behsiebu jjuza l-hanut. F’dan l-istadju lill-konvenut irrizultalu li l-imsemmija Sammut kienet ghamlet xi spejjez fil-hanut u ghalhekk, skond il-konvenut, gie koncess lill-istess Sammut l-imsemmi dritt tal-ewwel rifjut. Konsegwentement, cioe’ wara din it-tieni sejha ghall-offerti, il-hanut rega gie allokat lill Sammut wara li din tal-ahhar esercitat l-imsemmi dritt tal-ewwel rifjut koncess lilha.

Dan kollu jirrizulta mid-deposizzjonmi tal-konvenut. Wara li l-konvenut qal dan kollu, inspjegabilment l-istess

konvenut qal li d-dritt tal-ewwel rifjut inghata lil Sammut ghaliex l-hanut, qabel ma saret it-tieni sejha ghall-offerti, kien ghand l-istess Sammut b'titolu ta' kera.

In vista ta' dan kollu jista jinghad li ma tirrizultax b'mod car ir-raguni ghala Sammut inghatat id-dritt tal-ewwel rifjut. Inoltre fit-tieni sejha ghall-offerti ma kienx hemm indikat bhala kondizzjoni tat-"tender" li kien hemm xi hadd li kellu d-dritt tal-ewwel rifjut. Jidher li kien hemm biss stipulat li seta jinghata tali dritt lill xi offerent. Dan zgur li ma jfissirx, kif sostna l-konvenut, li l-offerenti jkunu jafu li tali dritt effettivament inghata lil xi hadd. Meta ssir sejha ghall-offerti l-kondizzjonijiet kollha ghandhom jigu maghrfa lil dawk li jkunu interessati jghamlu offerta. Dawk kollha li jkunu interessati jaghmlu offerta ghandhom jigu informati li hemm persuna partikolari li gie lilha koncess id-dritt tal-ewwel rifjut. In effett fil-present jekk ikun hemm xi hadd li jkun inghata d-dritt imsemmi, dan jigi indikat fil-kondizzjonijiet tat-tender.

Fl-opinjoni tal-Qorti dak kollu li gie premess iwassal sabiex jista jigi dikjarat li l-allokazzjoni tal-hanut, wara t-tieni sejha ghall-offerti, saret b'mod irregolari u hi invalida. B'hekk it-tieni talba tal-attur timmerita li tigi akkolta. Il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra kollha tal-attur stante rinunzja tal-istess talbiet da parti tal-attur.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-tieni talba tal-attur u tiddikjara li t-tender in kwistjoni gie aggudikat irregolarment u konsegwentement l-istess assenjazzjoni ma tghoddx. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra kollha attrici.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------